

31992R3337

L 336/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.11.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3337/92**tas-16 ta' Novembru 1992****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1981/82 li jistipula l-lista ta' reġjunijiet tal-Komunità, li fihom għajnuna għall-produzzjoni tal-ħops tingħata biss lil gruppi ta' produttori rikonoxxuti**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħops ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Billi l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 fi dispożizzjonijiet għall-għotja ta' għajnuna għall-produzzjoni lil gruppi ta' produttori f'reġjuni tal-Komunità fejn l-imsemmija gruppi jistgħu jiżguraw li l-membri tagħhom jirċievu qliegħ xieraq u li jiksbu amministrazzjoni razzjonali ta' riforniment; billi daww ir-reġuni huma mniżżla fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1981/82 ⁽²⁾;

Billi l-iskrutinju ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja juri li l-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 huma mħarsa mir-reġjuni l-ġodda; billi r-Regolament (KEE) Nru 1981/82 għandu għalhekk jiġi emendat sa mill-ħsad ta' l-1991,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reġjunijiet "Sachsen, Sachsen-Anhalt u Thuringen" huma b'hekk miżjuda mal-lista li hemm fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 1981/82.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-jseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-ħsad ta' l-1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Novembru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GUMMER

⁽¹⁾ ĠU L 175, 4.8.1971, p. 1. Emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3577/90 (ĠU L 353, 17.12.1990, p. 23.).

⁽²⁾ ĠU L 215, 23.7.1982, p. 3., kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1808/89 (ĠU L 177, 24.6.1989, p. 5.).